GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Ref:** **DDLTS 12/2024**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel tas-Snin Bikrin u Primarja (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Suġġett:** **Stedina għas-Seminar Ewropew ta' l-eTwinning f'Malta**

**Data:** **15 t'April 2024**

---

L-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' Appoġġ għall-eTwinning (NSO) qed jistieden edukaturi li jgħallmu s-snin bikrin (ECEC) u l-livell Primarju minn skejjel tal-istat u dawk indipendenti jew tal-Knisja biex jattendu għal seminar tal-eTwinning li se jsir Malta f'Mejju 2024. Għal dan is-Seminar se jattendu edukaturi minn madwar 13-il pajjiż Ewropew.

**Post**: Għandu jitħabbar 'l quddiem
**Dati:** 23-24-25 ta' Mejju 2024

**Dettalji:** Is-Seminar se jibda fl-16:00, il-Ħamis 23 ta' Mejju 2024 u jispiċċa is-Sibt 25 ta' Mejju fl-13:00. L-akkomodazzjoni u l-ispejjeż tas-seminar u se jkunu kollha mħallsin mill-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' Appoġġ għall-eTwinning ta' Malta. Dawn jinkludu 2 iljieli (23-24 ta' Mejju), l-ikliet kollha u l-faċilitajiet tal-konferenza. Il-parteċipanti se jingħataw ukoll eTwinning Pack.

**Għan tas-Seminar**: Li niltaqgħu u nikkollaboraw ma' edukaturi minn pajjiżi differenti, nitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin u nibdew proġetti tal-eTwinning ġodda.

**Is-Seminar**: It-tema tas-seminar ta ' din is-sena hija '***eTwinning & Well-Being in Schools'***, għalhekk, il-workshops se jiffokaw mhux biss fuq l-eTwinning bħala pedagoġija innovattiva, iżda ukoll fuq l-integrazzjoni tal-Litteriżmu Diġitali u l-eTwinning fl-iskejjel . Se jkun hemm ukoll attività ta ' networking bejn il-parteċipanti bil-għan li tħeġġeg proġetti kollaborattivi ġodda. Il-programm jinsab mehmuż ma' din iċ-ċirkulari.

**Il-Kriterji:**

- Il-parteċipazzjoni hija permezz ta ' applikazzjoni onlajn fuq il-bażi ta' 'min japplika l-ewwel, jintgħażel l-ewwel'.
- L-edukaturi għandhom ikunu mis-snin bikrin jew iservu fl-iskejjel Primarji
- Edukaturi li attendew għal seminar simili tal-eTwinning f'dawn l-aħħar sentejn mhumiex eleġibbli biex japplikaw.
- Il-partecipanti għandu jkollhom xi idea ta' proġett li jista' jiġi żviluppat u rreġistrat matul is-Seminar.
- Il-parteċipanti huma mitlubin jirreġistraw fl-eTwinning - https://school-education.ec.europa.eu/en/etwinning
- Approvazzjoni mill-Kap tal-iskola

**Applikazzjoni:** L-edukaturi huma mistiedna japplikaw għas-seminar billi jimlew il-Formola ta' applikazzjoni hawn taħt sal-***Ġimgħa 26 t'April 2024***.
Ħolqa: https://forms.office.com/e/qwZQWCzxrv

**Disseminazzjoni/Aspettattivi**
• L-Edukaturi huma mistennija jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-istaff/kollegi tal-iskola. Artikli ghandhom jintbgħatu fl-indirizz elettroniku etwinning@ilearn.edu.mt. Dawn jistgħu jiġu ppubblikati fin-*newsletter*.
• Il-parteċipanti huma mistennija li jirreġistraw proġett tal-eTwinning ma' edukatur/i Ewropej.
• L-Edukaturi magħżula huma mitluba jġibu laptop jew tablet magħhom għal dan is-seminar.

Għal mistoqsijiet jew għal aktar informazzjoni fuq 2598 1568 jew *etwinning@ilearn.edu.mt*

Grazzi tal-attenzjoni tiegħek.

**Is-Sur Neil Attard**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**